31986D0553

22.11.1986 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 328/38

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-15 ta' Settembru 1986

## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunitá Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar prodotti mhux agrikoli u prodotti agrikoli pproċessati mhux koperti mill-Ftehim.

(86/553/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 113 tieghu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi huwa meħtieġ li jiġi approvat il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar prodotti mhux agrikoli u prodotti agrikoli pproċessati mhux koperti mill-Ftehim, sabiex tittieħed in konsiderazzjoni l-adeżjoni fil-Komunità tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim fil-Forma ta' Skambju ta' Ittri li jikkonċerna prodotti mhux agrikoli u prodotti agrikoli pproċessati mhux koperti bil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera qiegħed hawnhekk jiġi approvat f'isem il-Komunitá.

It-test ta' l-Iskambju ta' l-Ittri huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill qiegħed b'din jingħata s-setgħa li jaħtar il-persuna awtorizzata biex tiffirma l-Ftehim sabiex jorbot lill-Komunità.

Magħmula fi Brussel, fil-15 ta' Settembru 1986.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. HOWE